MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1036/2005

**Melita Insurance Agency Limited bhala agent ta' Middlesea Insurance plc**

**vs**

**Lawrence Spiteri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Mejju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u tnax –il Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmi (Lm512.88), rapprezentanti spejjez inkorsi minnha skond il-Ligi ghal liema spejjez huwa unikament responsabbli il-konvenut.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez komprizi dawk ta' mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' l-avviz kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u tnax –il Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmi (Lm512.88, bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza u dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentant ma’ l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------